**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.**

**Illum 10 ta' Mejju 2002**

**Appell Nru 45/2002**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Michael Falzon**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Michael Falzon talli (**1**) fil-Marsa, nhar id-9 ta' Novembru 2001, ghall-habta ta' bejn 10.30 pm u 11.45 pm, f'post pubbliku jew f'post espost ghall-pubbliku, tlajja jew ghamel biex ihajjar ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet immorali, u dan bi ksur tal-Artikolu 7(2) tal-Kap. 63; u aktar talli (**2**) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, offenda l-pudur jew il-morali b'eghmil li sar f'lok pubbliku, jew f'lok espost ghall-pubbliku, u dan bi ksur tal-Artikolu 209 tal-Kap. 9;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-27 ta' Frar, 2002 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Michael Falzon hati skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, u kkundannatu ghall-piena ta' tlett (3) xhur prigunerija u multa ta' hamsin lira (Lm50), u ordnat (skond l-Artikolu 28A tal-Kap. 9) li s-sentenza ta' prigunerija m'ghandhiex tibda ssehh hlief jekk, matul il-perjodu ta' sentejn, l-istess Michael Falzon jikkometti reat iehor punibbli bi prigunerija;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Michael Falzon, minnu ppresentat fit-28 ta' Frar, 2002, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza ta' nhar il-Gimgha, 3 ta' Mejju, 2002; ikkunsidrat:

L-appellant, bazikament jikkontendi, li hu kullma ghamel kien li qed jippassigga ghall-affari tieghu. Skond hu, kien qed jezercita d-dritt tieghu ta' liberta` ta' moviment u d-dritt li hu ghandu li jippassigga "fi kwalunkwe parti ta' Malta". Inoltre jikkontendi li ma kien hemm ebda eghmil li joffendi l-pudur jew il-morali fil-pubbliku, u li l-piena kienet eccessiva.

Wara li din il-Qorti semghet il-provi tal-prosekuzzjoni, ma tistax hlief tikkonkludi li dana l-appell huwa wiehed altament fieragh. Hu evidenti minn dawn il-provi, inkluz minn diskors li l-appellant stess qal meta l-ewwel darba l-pulizija avvicinawh biex ma jibqax jitlajja f'post partikolarment maghruf ghal skopijiet ta' prostituzzjoni, li hu kien fil-fatt qieghed jitlajja proprju ghal dana l-iskop, u cioe` ta' prostituzzjoni. Dan hu korroborat anke mill-ilbies li kien liebes: dublett qasir hafna u top skullat hafna. Skond wahda mix-xhieda, tant kien qasir id-dublett li kien jidhirlu anke il-qalziet ta' taht. Ghalhekk jikkonfigura perfettament anke r-reat kontemplat fl-Artikolu 209 tal-Kodici Kriminali. Ma hemm xejn eccessiv fil-piena erogata.

Ghall-motivi premessi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, b'dan li l-periodu operattiv tas-sentenza sospiza jibda jiddekorri mill-lum.

U peress li dana l-appell huwa wiehed fieragh fit-termini tal-Artikolu 429(2) tal-Kodici Kriminali, tikkundanna lill-appellant ammenda ta' hamsa w ghoxrin lira (Lm25), konvertibbli f'hamest ijiem detenzjoni f'kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi.

Aldo Testone
Dep. Registratur